**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 3 ta' Novembru 2016**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 13/2014**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mark sive Marco Pace**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar appell ta' l-imsemmi Mark sive Marco Pace minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fis-6 ta' Lulju 2016 dwar eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat.

**2.** Mark sive Marco Pace kien akkużat permezz ta' Att ta' Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fit-8 ta' Awwissu 2014 (nru 13/2014) li (1) reċidiv f'delitt, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; (2) reċidiv f'delitt, ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna,

kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu; (3) reċidiv f'delitt, ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejħ jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu; (4) reċidiv b'delitt, ħati talli mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulzija żamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon; (5) reċidiv f'delitt, ħati talli, meta' ġie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'oħra milli b'liċenza, naqas milli minnufiħ jagħti avviż tagħha lill-Kummissarju tal-Pulizija; (6) reċidiv f'delitt, ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma tiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) iżda huwa iżjed minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47);

**3.** Permezz tar-rikors ta' appell tiegħu ppreżentat fil-11 ta' Lulju 2016, l-akkużat talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn il-Qorti laqgħet ir-raba' u d-disa' eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużat, tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u cioe` fejn ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużat u cioe' l-eċċezzjonijiet enumerati wieħed, tnejn, tlieta, ħamsa, sitta, seba' u tmienja.

**4.** Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata fl-4 ta' Settembru 2014 l-akkużat eċċepixxa, f'dawk l-eċċezzjonijiet deċiżi li dwarhom ġie interpost l-appell hawn in eżami:

> "1. Illi huwa jitlob l-isfilz ta' kwalsiasi prova naxxenti mill-indagini tal-Ispettur John Ellul stante li mill-process ma tirrizultax in-nomina relattiva kif ukoll minhabba l-fatt li l-allegati *samples* ta' tajn ittiehdu minghajr il-kontroll dirett tal-Qorti, minghajr process-verbal u minghajr access u mhux fil-presenza tal-persuni li l-pulizija kienet qed tissuspetta f'dan ir-reat u illi fil-fatt kienet diga` saret oggezzjoni f'dan is-sens fis-seduta tat-tlieta ta' Awwissu tas-sena 2005.
>
> "2. Illi jitlob l-isfilz tal-vettura MMX625 mill-atti processwali stante li meta giet elevata mill-Pulizija hadd ma kien prezenti hlief l-ufficjali tal-pulizija u lanqas fl-aghar ipotesi l-persuna li f'isimha din il-vettura kienet registrata jew persuni ohra li seta kellhom konnessjoni mal-istess vettura. Illi ebda awtorita` gudizzjarja ma kienet prezenti meta giet elevata l-imsemmija vettura.
>
> "3. Illi huwa jitlob l-isfilz tax-xhieda ta' missieru Anthony Pace ID 718550M stante illi ma gewx segwiti r-rekwiziti tal-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali Kap.9.
>
> "....

“5. Illi l-esponenti jitlob l-isfilz tax-xhieda ta’ PS 276 Bernard Zahra stante illi fl-ewwel lok din hija opinjoni esperta u fit-tieni lok huwa ma jindikax b’dettall kif u fejn hu jaf il-persuni li jinstemghu fil-konversazzjoni telefonika.

“6. Illi l-esponent jitlob l-isfilz [tax-xiehda] tal-Assistent Kummissarju Godfrey Scicluna moghtija nhar is-sebgha ta’ Mejju tas-sena 2007 stante illi ma jindika b’ebda mod kif wasal ghal konkluzjoni illi wahda mill-vucijiet li sema’ kienet tal-esponent.

“7. Illi l-esponent jitlob l-isfilz tad-dokument 04 DFH 12 indikat “*tyremark cast* elevat minn gol-hamrija quddiem il-vettura” li jinsab fir-relazzjoni tal-esperti PS46 Charlo Casha, PS 171 Karl Glanville, PS 1147 Antoine Fenech u PC 465 Daniel Abela, stante illi ma giex indikat minn fejn gie elevat dan it-*tyre-mark cast* u stante illi minkejja li tissemma li gie elevat minn quddiem xi vettura, ma tissemmiex minn quddiem liema vettura il-*cast* gie elevat.

“8. Illi l-esponent jitlob l-isfilz tad-dokument 04 MMX 635-201 (MUD) stante illi ma jinghataw ebda dettalji dwar id-data, post u hin meta l-imsemmi kampjun ta’ tajn gie elevat minn fuq il-vettura msemmija u ghaldaqstant m’hux eskluz il-possibilita` ta’ kontaminazzjoni ta’ evidenza.”

**6.** Din il-Qorti sejra issa tirreferi għall-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata li tagħhom qed tintalab ir-riforma:

“Jinkombi fuq il-Qorti Kriminali li fl-istadju opportun tispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xhieda u ir-rilevanza ta’ l-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi. Issa meta il-Qorti tqis illi prova hija inammissibbli u ghalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludiha milli tinġieb ’il quddiem fil-proċess. Dan qed jinghad b’mod generali billi l-eccezzjonijiet imressqa ‘il quddiem mill-akkuzat b’xi mod jew iehor jattakkaw l-ammissibbilita` ta’ evidenza kumpilata. Illi allura il-Qorti trid timxi b’cirkospezzjoni kbira sabiex tqis jekk il-prova li l-akkuzat qed ifittex li jxejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbilita` taghha u mhux semplicement ghax huwa qiesha bhala irrilevanti, kwistjoni din ta’ l-ahhar li ghandha tigi rimessa biss ghal gudizzju tal-imhallfin tal-fatt u mhux lil din il-Qorti f’dan l-istadju tal-proceduri.

“Din id-distinzjoni giet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal- 4 ta’ Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien inghad: *‘Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull’ammissibilita` o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e`*

*veramente una di ammissibilita` del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione e` propriamente quella di rilevanza della prova.....'*[1]

"Stabbilita kwindi dina id-distinzjoni, il-Qorti issa ser tghaddi sabiex *seriatim* tqis l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat in konnessjoni ma' xi evidenza li tinsab fl-atti kumpilatorji.

"Illi **fl-ewwel eccezzjoni** minnu intentata l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz ta' kwalsiasi prova naxxenti mill-indagini tal-Ispettur John Ellul stante li mill-process ma tirrizultax in-nomina relattiva kif ukoll minhabba l-fatt li l-allegati *samples* ta' tajn ittiehdu minghajr il-kontroll dirett tal-Qorti, minghajr process verbal u minghajr access u mhux fil-presenza tal-persuni li l-pulizija kienet qed tissuspetta f'dan ir-reat.

"Illi mill-atti kumpilatorji ghandu johrog illi permezz ta' rikors datat 02 ta' Marzu 2005, il-Kummissarju tal-Pulizija ghamel talba sabiex 'jigi innominat Dr Matthew Higgins mil-laboratorju forensiku li jinstab fl-esteru gewwa ir-Renju Unit bl-isem ta' Forensic Alliance Ltd, F5 Culham Science Centre, Abingdon, Oxfordshire, 0X14 lED kif ukoll sabiex jigi appuntat espert iehor sabiex jirtira dawn il-kampjuni u jwassalhom personalment ghand l-espert fl-esteru.' Din it-talba saret sabiex isir ezami komparattiv bejn il-kampjuni tat-tajn elevati minn fuq il-vettura fejn instab il-kadavru ta' Victor Magri u l-kampjuni elevati minn fuq il-vettura Mazda MX6 allegatament ta' l-akkuzat. Illi b'digriet tas-07 ta' Marzu 2005, din it-talba giet milqugha u gie mahtur John Ellul sabiex jiehu hsieb it-tragitt ta' dawn il-kampjuni lejn dan il-laboratorju esteru. Jidher madanakollu mill-atti kumpilatorji li dan l-espert ma espletax dan l-inkarigu u allura b'digriet iehor tal-15 ta' Jannar 2009, il-Qorti Istruttorja hatret lill-Ispizjar Mario Mifsud 'dan ai fini ta' *chain of causations* sabiex jirtira mill-proceduri personalment kampjuni mill-proceduri u jitla' bihom l-Ingilterra u jassisti lil Dottor Matthew Higgins u jkun hu stess li jirritorna lura Malta bl-istess kampjuni. Il-Qorti qed tinforma lil Dottor Matthew Higgins li hu irid ikun dispost li jigi Malta a spejjes tal-Gvern ta' Malta biex jippresenta r-rapport tieghu u biex jixhed fl-eventwalita` ta' guri jekk ikun il-kaz.'

"Illi allura maghmula dawn il-kostatazzjonijiet ghandu jirrizulta illi ghalkemm l-Avukat Generali jindika lill-imsemmi John Ellul bhala xhud tal-prosekuzzjoni irid jigi stabbilit mhux jekk ix-xhieda tieghu allura hijiex wahda ammissibbli, izda rilevanti billi ai fini ta' l-inkarigu lilu moghti jidher illi dan qatt ma gie espletat minnu izda minn espert iehor u cioe` mill-ispizjar Mario Mifsud. Kwindi ma jidhirx illi fl-atti tezisti xi prova li tindika illi l-espert John Ellul ghamel xi indagini in konnessjoni mal-kaz. Fl-ewwel lok jidher illi n-nomina tieghu kienet biss ai fini li jigu trasportati il-kampjuni tat-tajn u mhux biex jiehu sehem f'xi investigazzjoni u fi kwalunkwe kaz jidher illi dan l-inkarigu ma giex espletat minnu izda minn espert iehor li irtira l-kampjuni mill-atti u espleta dan l-inkarigu minflok l-imsemmi John Ellul.

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ahmed El Gamoudi deciza 10/11/2011 – App. Sup

"Illi marbut ma' dina l-ewwel eccezzjoni l-akkuzat ukoll jilmenta mill-fatt illi l-allegati *samples* ta' tajn ittiehdu minghajr il-kontroll dirett tal-Qorti, minghajr process-verbal u minghajr access u mhux fil-presenza tal-persuni li l-pulizija kienet qed tissuspetta f'dan ir-reat u illi fil-fatt kienet diga` saret oggezzjoni f'dan is-sens fis-seduta tat-tlieta ta' Awwissu tas-sena 2005. Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ma tistax taqbel ma' dina l-oggezjoni ventilata mill-akkuzat. Dan ghaliex meta infethet l-inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti gew mahtura l-esperti tax-xena tar-reat li l-manzjoni taghhom hija li jippreservaw dawk il-provi u indizzji li jistghu jinstabu mhux biss fuq ix-xena tar-reat, izda li jelevaw kull dokument li ikun rilevanti ghal fini ta' l-inkjesta magisterjali li tkun ghaddejja. Ma huwiex mehtieg ghalhekk illi isir process verbal ghal kull kampjun li jigi hekk elevat mill-esperti tax-xena tar-reat, (li f'dan il-kaz kienu PS46 Charlot Casha u PC465 Daniel Abela), izda dawn ghandhom jindikaw fid-dettall anke permezz ta' fotografji l-post, data u hin meta issir l-elevazzjoni u dan ai fini ta' kontroll u biex ma tinkisirx l-hekk imsejjha *'chain of evidence'*. Illi fir-rapport minnhom imhejji l-esperti imsemmija jezebixxu d-Dokumenti 04 DHF 12 sa 04 DHF 21 konsistenti f'tyre mark Casts tal-vettura Hyundai Accent u jindikaw il-post minn fejn l-istess gew elevati. Iktar 'il quddiem fir-rapport taghhom jindikaw illi fil-jum tat-08 ta' Dicembru 2004 ghal habta tal-16:45 hrs u fuq ordni tal-Magistrat Inkwirenti accedew fi Triq E. B. Vella gewwa Birkirkara fejn sabu vettura tal-marka Mazda MX bin-numru MMX-625. Hemmhekk gie minnhom osservat illi 'Il-vettura kienet mahmuga bi trab fuq il-*body* taghha. u li mal-qiegh taghha kien hemm depozitu ta' tajn specjalment fil parti ta' quddiem tan-naha tax-xufier, filwaqt illi il-wheel arches kienu nodfa.' Ghalhekk ikomplu jindikaw illi fil-presenza tal-Ufficjal Investigattivi Carmelo Bartolo u Chris Pullicino l-vettura giet elevata u mehuda fil-garaxx tal-Laboratorju forensiku. Dan il-process kollu gie iffotografat mill-imsemmija esperti. Illi gewwa il-Laboratorju forensiku imbaghad il-vettura giet iffotografata fl-inqas dettall fejn anke gew iffotografati il-kampjuni tat-tajn li gew elevati mill-vettura u l-post minn fejn dawn gew hekk elevati. Apparti dawn il-kampjuni ta' tajn gew elevati diversi swabs ai fini ta' *gun shot residue* u anke xi impronti digitali. Kollox jinsab iffotografat u ikkatagorizzat. Illi r-rapport ta' l-esperti tax-xena tar-reat jindika fid-dettall kull oggett li gie elevat, liema minnhom gew mghoddija lill-esperti ohra nominati fl-inkjesta u liema gew iddepozitati il-Qorti flimkien mar-relazzjoni taghhom.

"Stabbiliti kwindi dawn ir-risultanzi processwali, ma jidhirx illi l-akkuzat ghandu ragun fl-oggezzjoni minnu imressqa u dan ghaliex l-esperti tax-xena tar-reat skont l-inkarigu lilhom moghti elevaw dawk id-dokumenti kollha li kellhom x'jaqsmu mal-'in genere' u hejjew ir-rapport taghhom guramentat fejn spjegaw fid-dettall ix-xoghol minnhom maghmul u dan taht l-awtorita` tal-Magistrat Inkwirenti. Fil-fatt hija fis-setgha ta' l-Inkwirenti li mhux biss jaghmel il-konstatazzjonijiet ta' fatt permanenti, imma anki jinnomina esperti, jisma' xhieda, u jaghmel kull ma jehtieg biex jaccerta c-cirkustanzi kollha. Hekk jidher li gara f'dan il-kaz u allura din il-Qorti tqis illi din l-ewwel eccezzjoni ma tisthoqqilhiex akkoljiment.

"Illi marbuta ma' din l-ewwel oggezzjoni, l-akkuzat imbaghad fit-**tieni eccezzjoni** minnu intentata jitlob l-isfilz tal-vettura MMX625 mill-atti processwali ghaliex jishaq li meta din giet elevata mill-Pulizija hadd ma kien prezenti hlief l-ufficjali tal-pulizija u lanqas fl-aghar ipotesi l-persuna li f'isimha

din il-vettura kienet registrata jew persuni ohra li seta' kellhom konnessjoni mal-istess vettura. Illi jilmenta illi ebda awtorita` gudizzjarja ma kienet prezenti meta giet elevata l-imsemmija vettura. Illi kif diga` intqal *supra* jidher illi din il-vettura giet elevata taht l-awtorita` ta' l-Inkwirenti, fejn kienu prezenti mhux biss l-Ufficjali tal-Pulizija li investigaw dan il-kaz u cioe` is-Supretendent Carmelo Bartolo u l-Ispettur Chris Pullicino, izda ukoll l-ufficjali kollha tax-xena tar-reat nominati fl-inkjesta magisterjali li hadu hsieb jiffotografaw il-process kollu ta' l-elevazzjoni u t-tehid tal-vettura gewwa l-garaxx tal-laboratorju forensiku. Illi huwa stabbilit u dan mir-rapport ta' l-imsemmija ufficjali, id-data, l-hin u l-lok minn fejn u meta giet elevata din il-vettura u fejn ittiehdet kif ukoll ix-xoghol kollu li sar fuqha mill-esperti fl-'in genere'. Jinghad hekk fir-rapport tal-ufficjali tax-xena tar-reat:

"'Illi nhar it-8 ta' Dicembru, 2004 ghal habta ta' 16:30 hrs. l-esponenti gew infurmati mill-ispettur Carmelo Bartolo sabiex jaccedu fi Triq E.B. Vella f'Birkirkara, fejn hemmhekk kienet instabet vettura li seta' kellha xi konnessjoni mal-kaz. Ghaldaqstant, fuq ordni tal-Magistrat Inkwerenti l-esponenti accedew fl-imsemmi lok, ghal habta ta' 16:45hrs. Prezenti fuq il-post kien hemm l-ispettur Carmelo Bartolo u Chris Pullicino. Mill-ewwel stharrig irrizulta li:

• Il-vettura kienet ta' l-ghamla Mazda MX-6, ta' lewn iswed u b'numru ta' registrazzjoni MMX-625
• Din kienet ipparkjata quddiem residenza bi-isem ta' Andrew", fi Triq E. B. Vella, Birkirkara.
• L-imsemmija vettura kienet imsakkra
• Il-vettura kienet mahmuga bi trab fuq il-'body' taghha. u li mal-qiegh taghha kien hemm depozitu ta' tajn specjalment fil-parti ta' quddiern tan-naha tax-xufier, filwaqt illi l-wheel arches kienu nodfa.

Illi hekk kif tlesta x-xoghol necessarju fi Triq E.B. Vella, deskritt f'paragrafu 7.1, il-vettura tghabbiet fuq 'low loader' fejn giet eskortata sal-garaxx tal-Laboratorju Forensiku, fil-Floriana, fejn aktar tard kellu jsir dak ix-xoghol kollu necessarju fuqha u li qed jigi deskritt fil paragrafi segwenti.…'

"Mhux biss izda l-ispettur Chris Pullicino li kien qed imexxi din l-investigazzjoni ighid hekk fil-kors tax-xhieda tieghu: "Nixtieq nghid li meta ahna elevajna l-vettura MX6, il-proprjetarju jew possessur taghha ma kienx presenti. .Jekk minix sejjer zball din il-vettura tinsab registrata f'isem Topper Auto Dealer. Hadd ma kien presenti meta ahna elevajna din il-vettura, lanqas il-Magistrat Jnkwerenti. Nixtieq nghid li meta l-vettura giet mehuda d-depot il-Magistrat ma kienx presenti. Gie infurmat telefonikament u regghu gew mahtura l-istess esperti li kienu hadmu fuq is-scene of crime."

"Illi allura l-akkuzat ma jistax f'dan l-istadju jitlob illi l-vettura esebita tigi sfilzata u dan meta jirrizulta illi kien hemm ordni mill-Magistrat Inkwirenti ghall-elevazzjoni taghha u l-hatra mill-gdid ta' l-esperti tax-xena tar-reat sabiex jaghmlu dawk il-kostatazzjonijiet mehtiega minn fuq dan id-dokument, liema kostatazzjonijiet gew dettaljatament indikati fir-rapport taghhom. L-artikolu 357 tal-Kodici Kriminali iqis illi huwa dmir tal-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva li jikxef armi, dokumenti, traċċi jew sinjali jew ħaġ'oħra li jkollha x'taqsam mar-reat, li jfittex li jistabbilixxi u jiżgura l-eżistenza tagħhom u li jżommhom fl-istat li jkun

sabhom, sakemm jagħmel ir-rapport tiegħu lill-Qorti tal-Maġistrati, u, jekk ma jkunx jista' jistabbilixxi u jiżgura din l-eżistenza jew jekk ma jkunx jista' jżommhom, għandu josserva l-istess proċedura li hemm għar-'reperti'. Jidher illi fil-fatt hekk sehh f'dan il-kaz fejn l-ufficjali investigattivi hekk kif sabu l-vettura li fil-fehma taghhom setghet kienet involuta fil-kummissjoni tar-reat, kisbu l-awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti sabiex din tigi elevata u ippreservata u dan fl-atti tal-inkjesta li kienet miftuha. Kwindi anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"L-akkuzat ighaddi biex fit-**<u>tielet eccezzjoni</u>** tieghu jitlob l-isfilz tax-xhieda ta' missieru Anthony Pace u dan ghaliex jishaq illi ma gewx segwiti r-rekwiziti tal-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali Kap.9. Issa dina id-disposizzjoni tal-ligi tghid hekk:

"'(1) Ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tingħata minħabba li hu jkun il-parti li għamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proċeduri, inkella minħabba li x-xhud ikun jiġi mid-demm jew imħallat bi żwieġ, jew minħabba li jkollu kuntratt, impieg, jew interess ieħor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jew akkużat; imma f'kull każ bħal dan, ix-xhud jiġi mismugħ, u min għandu jiġġudika l-fatti, meta jkun għal kollox persważ u konvint li x-xiehda hija vera, għandu jipproċedi fuq dik ix-xiehda bl-istess mod sħiħ u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti ġew ippruvati minn persuna barranija jew minn wieħed li m'għandu xejn x'jaqsam kif jingħad hawn fuq.

"'(2) Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, li tieħu qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra l-mara jew kontra r-raġel, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija.'

"Illi l-ligi hija cara – ix-xhud huwa xhud kompetenti u l-akkuzat ghalhekk ma jista iressaq l-ebda eccezzjoni dwar l-inammissibilita` ta' l-istess u dan semplicement ghal mottiv illi dan seta' ma nghatax il-jedd tal-ghazla li ma jaghtix ix-xhieda tieghu.

"Illi di piu` minn ezami ta' l-atti processwali ghandu jirrizulta illi fil-fatt meta Anthony Pace, missier l-akkuzat issejjah biex jiddeponi quddiem il-Qorti Istruttorja fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2006, ghazel li ma jaghtix ix-xhieda tieghu billi ezercita l-jedd moghtija lilu bil-ligi kif hawn fuq indikat u l-Qorti laqghet it-talba tieghu. Jidher madanakollu illi l-imsemmi Anthony Pace kien xehed fil-kors ta' l-inkjesta u anke irrilaxxja dikjarazzjoni quddiem l-ufficjali investigattivi fil-kors ta' l-indagini li kienet ghaddejja mill-pulizija wara li sehh il-kaz u allura fiz-zmien meta ibnu kien ghadu ma giex akkuzat bil-kummissjoni tar-reat. Kwindi f'dak l-istadju d-disposizzjoni ta' l-artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali ma kienx applikabbli. Finalment huwa biss fl-istadju tal-guri illi missier l-akkuzat ghalkemm jitqies illi huwa xhud kompetenti, madanakollu jista' jinghata l-jedd li ma jaghtix xhieda fil-konfront ta' ibnu u dan fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Jekk

allura Anthony Pace jaghzel li ma jiddeponix allura huwa bil-wisq evidenti li lanqas ma jista' jigi mitlub jikkonferma o meno ix-xhieda moghtija minnu quddiem l-Inkwirenti u ghalhekk din ma tkunx tista tingieb a konjizzjoni tal-gurati billi huwa evidenti illi l-istess l-akkuzat imbaghad ma ikollux jedd ta' kontroll fuq dak mistqarr mix-xhud f'dik id-deposizzjoni.

"….

"Isegwu **il-hames u s-sitt eccezzjonijiet** li huma marbuta mal-prova migbura fl-atti kumpilatorji in konnessjoni mal-*voice recognition* li saret minn telefonata li allegatament sehhet bejn l-akkuzat u certu Alfred Bugeja maghruf bhala l-Porporina u dik li saret minn telefonata ohra li allegatament saret bejn l-akkuzat u l-vittma ftit qabel sehh id-delitt. Id-difiza targumenta li dawn ma jikkostitwixxu l-ebda prova kontra l-akkuzat billi ma saritx prova ta' identifikazzjoni ta' l-istess. Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur ta' l-akkuzat, il-fatt wahdu illi ma tkunx saret *voice identification* ma jfissirx illi l-prova hija wahda inammissibbli. Jekk il-prova mressqa mill-prosekuzzjoni hijiex bizzejjed b'sahhitha sabiex tistabilixxi ness bejnha u l-akkuzat hija kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi rimessa ghal gudizzju ta' l-imhallfin tal-fatt u dan dejjem wara li l-Qorti taghtihom id-debiti kawteli dwar kif isir l-apprezzament tal-provi skont il-ligi. Izda l-Qorti ma tistax *a priori* tiskarta prova li tista' tkun irrilevanti izda ammissibbli skont il-ligi. Jekk il-prova kif jallega l-akkuzat dwar ir-rabta bejn il-vuci li tinstema fir-*recording* tat-telefonata u l-vuci tieghu hija mankanti din id-decizjoni tispetta lill-gurati. Illi din il-Qorti fliet ix-xhieda ta' PS276 Bernard Zahra, ta' Alfred Bugeja, tal-Assisent Kummissarju Godfrey Scicluna kif ukoll ir-rapporti ta' l-esperti nominati fl-Istruttorja Dr. Stephen Farrugia Sacco u Dr. Leontine Calleja u ma tarax illi hemm xi prova li tista' titqies illi hija inammissibbli skont il-ligi.

"Ibda biex ix-xhud PS276 Bernard Zahra tressaq bhala xhud biex jezebixxi kopja tar-*recording* tat-telefonata li saret mill-habs bejn Alfred Bugeja u l-akkuzat. Ix-xhud jindika illi kien Alfred Bugeja li ghamel it-telefonata lil numru ta' telefon cellulari fejn huwa jiddeskrivi c-cirkostanzi madwar din it-telefonata. Ighid illi huwa gharaf il-vucijiet ta' dawn it-tnejn minn nies ghax jafhom gewwa l-habs billi kien ilu tnax-il sena stazzjonat bhala ufficjal il-Habs. It-traskrizzjoni ta' din it-telefonata imbaghad thalliet f'idejn l-espert nominat mill-Qorti Dr. Stephen Farrugia Sacco li ezebixxa r-rapport tieghu Dokument SFS fejn jindika illi t-telefonata saret bejn tnejn minn nies li jindikaw f'din il-konversazzjoni li jisimhom "Mark" u "Alfred" jew "Fredu". Din it-telefonata hija ikkonfermata ukoll mill-istess Alfred Bugeja fix-xhieda tieghu tat-02 ta' April 2007.

"Illi imbaghad fir-rigward tat-telefonata l-ohra li allegatament saret bejn il-vittma Victor Magri u l-akkuzat ftit hin qabel ma sehh id-delitt, minn ezami li ghamlet din il-Qorti tax-xhieda tal-Assistant Kummissarju Godfrey Scicluna li ezebixxa *recording* ta' din it-telefonata, ma jidhirx illi huwa gharaf xi vucijiet minn dawk li jinstemghu fl-istess telefonata, kif jallega l-akkuzat, u dan meta jistqarr li ghalkemm kien imexxi is-Servizzi Sigrieti li kienet f'dak iz-zmien qed tmexxi investigazzjoni fuq Victor Magri, madankollu ighid li ma kienx hu li kien qed jisma' din il-konversazzjoni u kien biss minn informazzjoni li gabru n-nies addetti mieghu minn fejn irrizultalhom mill-investigazzjonijiet minnhom kondotti

illi n-numru tat-telefon involut kien jappartjeni lill-akkuzat. Illi fir-rigward ta' din it-telefonata kienet giet nominata mill-Qorti Istruttorja Dr. Leontine Calleja li ghamlet it-traskrizzjoni taghha u esebietha mar-rapport taghha Dokument LC.

"Kwindi ghalkemm din il-Qorti ma ghandhiex u lanqas hija msejha f'dan l-istadju sabiex taghmel apprezzament tal-fatti izda ma jidhirx illi *a priori* tista' tilqa' l-eccezzjoni mressqa 'il quddiem mill-akkuzat sabiex jigu sfilzati ix-xhieda ta' PS276 Bernard Zahra u ta' l-Assistent Kummissarju Godfrey Scicluna fl-ewwel lok billi dawn huma xhieda kompetenti li ser jixhdu *viva voce* fil-kors tal-guri u di piu` lanqas ma hemm l-ebda motiv stabbilit fil-ligi li tista' twassal ghal xi inammissibblita`. Fuq kollox din il-Qorti ghandha tara illi l-gurati jigu ggwidati meta jigu biex jaghmlu l-apprezzament ta' xi identifikazzjoni li tkun saret u dan anke kif imfassla fil-linji gwida Turnbull li gew diversi drabi adottati mill-qrati taghna. Dan ghaliex l-identifikazzjoni jew ir-rikonoxximent maghmul mix-xhud jibqa' dejjem suxxettibbli ghall-imperfezzjonijiet tal-osservazzjonijiet umani u ghall-possibbilitajiet kollha ta' zball genwin illi jfisser allura illi min hu imsejjah biex jiggudika irid japplika dik il-kawtela specjali qabel ma jasal ghal kundanna ibbazata fuq dik l-identifikazzjoni u dan dejjem jekk dawn ix-xhieda fil-kors tal-guri jaghmlu dik l-identifikazzjoni.

"Illi fil-kaz **Regina v Caldwell and Dixon** (1993 CLR862), fejn kienet saret identifikazzjoni tal-malviventi mill-pulizija minn fuq *video-recording* li kienet ittiehdet tas-serqa mertu tal-kaz inghad hekk:

"*'When the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible - R v Caldwell and Dixon 1993 CLR 862. Much will depend on the circumstances of the recognition: if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition evidence being ruled inadmissible."*

"Issa f'dan il-kaz ghalkemm si tratta ta' identifikazzjoni ta' vuci u mhux ta' immagini jew stampa japplikaw l-istess regoli u allura ghalkemm tali xhieda ma tistax titqies li hija inammissibbli f'dan l-istadju, madanakollu min hu imsejjah biex jiggudika irid japplika dawk il-kawteli kollha meta ikun hemm tali identifikazzjoni. Fuq kollox dawn l-istess xhieda dejjem ser ikunu assoggettati ghal kontroll da parti tad-difiza ghar-rigward ta' dak mistqarr minnhom fil-kors tax-xhieda taghhom.

"Illi **s-seba' u t-tmien eccezzjonijiet** sollevati mill-akkuzat iduru madwar id-dokumenti immarkati bhala 04 DFH 12 u 04 MMX 625-201 (MUD) mill-ufficjali tax-xena tar-reat fir-rapport taghhom. Dan ghaliex fir-rigward tad-dokument 04 DFH 12 indikat bhala '*tyre-mark cast* elevat minn gol-hamrija quddiem il-vettura' li jinsab fir-relazzjoni tal-esperti PS46 Charlo Casha, PS 171 Karl Glanville, PS 1147 Antoine Fenech u PC 465 Daniel Abela, ma giex indikat minn fejn gie elevat dan it-*tyre-mark cast* u stante illi minkejja li tissemma li gie elevat minn quddiem xi vettura, ma tissemmiex minn quddiem liema vettura il-*cast* gie

elevat. Illi imbaghad fir-rigward tad-dokument 04 MMX 625-201 (MUD) jilmenta illi ma jinghataw ebda dettalji dwar id-data, post u hin meta l-imsemmi kampjun ta' tajn gie elevat minn fuq il-vettura msemmija u ghaldaqstant mhux eskluz il-possibilita` ta' kontaminazzjoni ta' evidenza.

"Illi minn ezami tar-rapport ta' PS 46 Charlo Casha, PS 171 Karl Glanville, PS 1147 Antoine Fenech u PC 465 Daniel Abela jidher illi id-Dokument 04 DFH 12 gie deskritt bhala '*Tyre mark Cast* elevat minn gol-hamrija quddiem il-vettura'. Dan kif indikat gie elevat minn fuq ix-xena tad-delitt. Ghalkemm f'dan id-dokument allura ma hemmx indikat liema hi l-vettura, madanakollu mid-dokumenti li jsegwu jirrizulta illi l-vettura prezenti fuq ix-xena tad-delitt kienet dik tal-marka Hyundai Accent. U dan b'distinzjoni mas-sezzjoni immarkata bin-numru 7 bit-titolu 'Ezamijiet Forensici fuq il-vettura Mazda MX6 bin numru MMX 625 gewwa l-garaxx tal-Laboratorju Forensiku'. Fil-fatt fir-rigward tad-Dokument 04MMX 625-201 (MUD) hemm indikat fir-rapport illi dan il-kampjun ittiehed mill-vettura Mazda MX6 bin-numru ta' registrazzjoni MMX625 u dan fis-sezzjoni indikata bin-numru 7.5. Dan it-tajn esebit f'dan id-dokument jidher li gie elevat mill qiegh tal-vettura, liema elevazzjoni giet ukoll dokumentata permezz tar-ritratti mehuda mill-imsemmija esperti u dan fid-Dokumenti 04 DFH G 102 -118. Il-post indikat fir-rapport jidher illi huwa il-garaxx tal-Laboratorju Forensiku fejn kienet tinsab il-vettura filwaqt li dan ix-xoghol jidher li sar fil-granet tat-08 u d-09 ta' Dicembru 2004. Illi allura l-allegazzjoni maghmula mill-akkuzat dwar kontaminazzjoni ta' evidenza hija infondata u dawn iz-zewg eccezzjonijiet qed jigu michuda."

**7.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

"Illi fl-ewwel eccezzjoni l-appellant talab lill-Qorti Kriminali sabiex tordna l-isfilz ta' kwalsiasi prova naxxenti mill-indagini tal-Ispettur John Ellul stante li mill-process ma tirrizultax in-nomina relattiva kif ukoll minhabba l-fatt li l-allegati *samples* ta' tajn ittiehdu minghajr il-kontroll dirett tal-Qorti, minghajr process-verbal u minghajr access u mhux fil-prezenza tal-persuni li l-Pulizija kienet qed tissuspetta f'dan ir-reat u illi fil-fatt kienet diga` saret oggezzjoni f'dan is-sens fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hamsa (2005).

"Illi l-appellant jilmenta mill-fatt illi l-allegati *samples* ta' tajn ittiehdu minghajr il-kontroll dirett tal-Qorti, minghajr process-verbal u minghajr access u mhux fil-presenza tal-persuni li l-pulizija kienet qed tissuspetta f'dan ir-reat u illi fil-fatt kienet diga` saret oggezzjoni f'dan is-sens fis-seduta tat-tlieta ta' Awwissu tas-sena 2005. Illi ghalkemm huwa minnu illi meta nfethet l-inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti gew mahtura l-esperti tax-xena tar-reat li l-manzjoni taghhom hija li jippreservaw dawk il-provi u indizzji li jistghu jinstabu mhux biss fuq ix-xena tar-reat, izda li jelevaw kull dokument li ikun rilevanti ghal fini ta' l-inkjesta magisterjali li tkun ghaddejja, dawn l-esperti xorta jridu jaqdu l-funzjoni taghhom fl-ispirtu tal-ligi u l-gustizzja u dan sabiex ma tinkisirx ic-*chain of evidence*.

"Illi fir-rapport minnhom imhejji l-esperti imsemmija jezebixxu d-Dokumenti 04 DHF 12 sa 04 DHF 21 konsistenti f'tyre mark Casts tal-vettura Hyundai Accent u

jindikaw il-post minn fejn l-istess gew elevati. Iktar 'il quddiem fir-rapport taghhom jindikaw illi fil-jum tat-08 ta' Dicembru 2004 ghal habta tal-16:45 hrs u fuq ordni tal-Magistrat Inkwirenti accedew fi Triq E. B. Vella gewwa Birkirkara fejn sabu vettura tal-marka Mazda MX bin-numru MMX-625. Ghalhekk ikomplu jindikaw illi fil-presenza tal-Ufficjali Investigattivi Carmelo Bartolo u Chris Pullicino l-vettura giet elevata u mehuda fil-garaxx tal-Laboratorju Forensiku. Dan il-process kollu gie iffotografat mill-imsemmija esperti. Illi gewwa l-Laboratorju Forensiku mbaghad il-vettura giet iffotografata fl-inqas dettall fejn anke gew iffotografati il-kampjuni tat-tajn li gew elevati mill-vettura u l-post minn fejn dawn gew hekk elevati. Apparti dawn il-kampjuni ta' tajn gew elevati diversi *swabs* ai fini ta' *gunshot residue* u anke xi impronti digitali fejn kollox jinsab iffotografat u kkatagorizzat.

"Illi izda l-akkuzat jirrileva illi l-fatt illi l-esperti nnominati ffotografaw u kkategorizzaw dak kollu maghmul minnhom mhux bizzejjed u dan ghaliex dan kollu sar fl-assenza tal-persuni li l-Pulizija kienet qed tissuspetta f'dan ir-reat u fl-assenza tal-kontroll dirett tal-Qorti u ghalhekk minghajr ombra ta' dubju m'hemm l-ebda kontroll tac-*chain of evidence* min-naha tal-akkuzat.

"Illi fit-tieni eccezzjoni l-appellant talab l-isfilz tal-vettura MMX 625 stante li meta giet elevata mill-Pulizija hadd ma kien prezenti lanqas fl-aghar ipotezi l-persuna Ii f'isimha din il-vettura kienet registrata. Illi din l-eccezzjoni hija marbuta hafna mal-ewwel eccezzjoni. Illi l-appellant jirrileva illi l-ebda awtorita` gudizzjarja ma kienet prezenti meta giet elevata l-imsemmija vettura. Illi jidher illi din il-vettura giet elevata taht l-awtorita` ta' l-Inkwirenti, fejn kienu prezenti biss l-Ufficjali tal-Pulizija li nvestigaw dan il-kaz u cioe` is-Supretendent Carmelo Bartolo u l-Ispettur Chris Pullicino, u l-ufficjali tax-xena tar-reat nominati fl-inkjesta magisterjali li hadu hsieb jiffotografaw il-process kollu ta' l-elevazzjoni u t-tehid tal-vettura gewwa l-garaxx tal-laboratorju forensiku. Illi izda l-appellant jirrileva illi l-ebda awtorita` gudizzjarja u lanqas il-persuna li f'isimha din il-vettura kienet registrata ma kienet prezenti meta giet elevata l-imsemmija vettura.

"Illi fil-fatt l-Ispettur Chris Pullicino li kien qed imexxi din l-investigazzjoni ighid u jikkonferma dan kollu fil-kors tax-xhieda tieghu:

"'Nixtieq nghid li meta ahna elevajna l-vettura MX6, il-proprjetajru jew possessur taghha ma kienx presenti. Jekk minix sejjer zball din il-vettura tinsab registrata f'isem Topper Auto Dealer. Hadd ma kien presenti meta ahna elevajna din il-vettura, lanqas il-Magistrat Inkwerenti. Nixtieq nghid li meta l-vettura giet mehuda d-depot il-Magistrat ma kienx presenti. Gie infurmat telefonikament u regghu gew mahtura l-istess esperti li kienu hadmu fuq is-*scene of crime*.'

"Illi ghalhekk huwa car u evidenti illi meta giet elevata l-vettura surreferita kien hemm tali mankanzi liema mankanzi jmorru kontra l-ispirtu tal-ligi stante illi c-*chain of evidence* ma nzammitx.

"Illi fit-tielet eccezzjoni l-appellant talab l-isfilz tax-xhieda ta' missieru Anthony Pace ID 718550M stante illi ma gewx segwiti r-rekwiziti tal-Artikolu 633 (2) tal-Kodici Kriminali Kap 9. Illi l-Artikolu 633 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

"'(1) Ebda eccezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tinghata minhabba li hu jkun il-parti li ghamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proceduri, inkella minhabba li x-xhud ikun jigi mid-demm jew imhallat bi zwieg, jew minhabba li jkollu kuntratt, impieg, jew interess iehor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jew akkuzat; imma f'kull kaz bhal dan, ix-xhud jigi mismugh, u min ghandu jiggudika l-fatti, meta jkun ghal kollox perswaz u konvint li x-xiehda hija vera, ghandu jipprocedi fuq dik ix-xiehda bl-istess mod shih u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti gew ippruvati minn persuna barranija jew minn wiehed Ii m'ghandu xejn x'jaqsam kif jinghad hawn fuq.

(2) Madankollu, jithalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, li tiehu qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra l-mara jew kontra r-ragel, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontra huh, ohtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' cirkostanzi partikulari ohra tal-kaz, biex ma ggegheIx jixhed ix-xhud illi juri Ii jixtieq Ii ma jixhedx kontra persuna li tigi minnu f'xi wiehed jew iehor mill-gradi hawn fuq imsemmija.'

"Illi l-appellant jirrileva illi l-ligi hija cara fis-sens illi x-xhud in kwistjoni huwa xhud kompetenti u x-xhieda tieghu f'certu kazi tista' tkun wahda ammissibbli izda l-akkuzat jirrileva illi fil-kaz odjern l-istess xhud lanqas biss inghata l-jedd tal-ghazla li ma jaghtix ix-xhieda tieghu u dan ghalhekk imur kontra d-dispozizzjoni tal-ligi. Fi kliem iehor, ix-xhieda ta' missier l-akkuzat Anthony Pace ghandha tigi sfilzata mill-process kriminali stante illi ma gewx segwiti r-rekwiziti tal-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali Kap 9 u cioe` illi semmai l-istess Anthony Pace kellu jinghata l-jedd tal-ghazla li ma jixhidx fil-konfront ta' ibnu u dan tenut kont tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa wera li kieku ma jixtieqx jixhed kontra tieghu u ta' cirkostanzi partikulari ohra tal-kaz.

"Illi l-appellant se jittratta l-hames u s-sitt eccezzjonijiet flimkien stante illi z-zewg eccezzjonijiet jittrattaw l-kwistjoni tal-*voice recognition* minn ufficjali tal-Pulizija u l-opinjoni taghhom fir-rigward. Illi l-appellant fil-hames eccezzjoni talab l-isfilz tax-xhieda ta' PS 276 Bernard Zahra stante illi fl-ewwel lok din hija opinjoni esperta u fit-tieni lok huwa ma jindikax b'dettall kif u fejn hu jaf il-persuni li jinstemghu fil-konversazzjoni telefonika. Illi l-appellant fis-sitt eccezzjoni talab l-isfilz tal-opinjoni tal-Assistent Kummissarju Godfrey Scicluna moghtija nhar is-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) stante illi ma jindika b'ebda mod kif wasal ghall-konkluzjoni illi wahda mill-vucijiet li sema' kienet tal-esponent.

"Illi dawn iz-zewg eccezzjonijiet jittrattaw il-prova migbura fl-atti kumpilatorji in konnessjoni mal-*voice recognition* li saret minn telefonata li allegatament sehhet bejn l-akkuzat u certu Alfred Bugeja maghruf bhala l-Porporina u dik li saret minn telefonata ohra li allegatament saret bejn l-akkuzat u l-vittma ftit qabel sehh

id-delitt. Illi l-appellant jirrileva illi dawn ma jikkostitwixxu l-ebda prova kontra tieghu billi ma saritx prova ta' identifikazzjoni ta' l-istess fl-atti kumpilatorji u ghalhekk l-opinjonijiet fuq l-istess telefonati kemm ta' PS 276 Bernard Zahra kif ukoll tal-Assistent Kummissarju Godfrey Scicluna ghandhom jigu sfilzati.

"Illi l-appellant jirrileva illi jekk din il-Qorti tifli sew ix-xhieda ta' PS276 Bernard Zahra, ta' Alfred Bugeja, tal-Assistent Kummissarju Godfrey Scicluna kif ukoll ir-rapporti ta' l-esperti nominati fl-Istruttorja Dr. Stephen Farrugia Sacco u Dr. Leontine Calleja jirrizulta b'mod car u ampju illi x-xhieda kemm ta' PS 276 Bernard Zahra kif ukoll ix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Godfrey Scicluna huma inammissibbli skont il-ligi. Dan ghaliex fl-ewwel lok ix-xhud PS276 Bernard Zahra illi tressaq limitatament bhala xhud sabiex jezebixxi kopja tar-*recording* tat-telefonata li allegatament saret mill-habs bejn Alfred Bugeja u l-akkuzat, jindika illi huwa gharaf il-vucijiet ta' dawn it-tnejn minn nies ghax jafhom gewwa l-habs u dan peress illi huwa kien stazzjonat bhala ufficjal il-Habs u dan minghajr lanqas biss jispjega c-cirkostanzi ta' x'wassluh illi jghid illi gharafhom. Illi fil-fatt, tenut tax-xhieda ta' PS276 Bernard Zahra, l-espert nominat mill-Qorti sabiex jittraskrivi l-istess telefonata, fir-rapport tieghu Dok SFS jindika illi t-telefonata saret bejn tnejn minn nies li f'din il-konversazzjoni jindika li jisimhom 'Mark' u 'Alfred' jew 'Fredu'.

"Illi fit-tieni lok fir-rigward tat-telefonata l-ohra li allegatament saret bejn il-vittma Victor Magri u l-akkuzat ftit hin qabel ma sehh id-delitt, u illi xehed dwarha l-Assistent Kummissarju Godfrey Scicluna, liema xhieda suppost illi kienet limitata sabiex jezebixxi r-*recording* ta' din it-telefonata, fejn izda fl-istess xhieda huwa jasal ghall-konkluzjoni illi wahda mill-vucijiet li sema' kienet tal-appellant. Din ix-xhieda hija inammissibli ghax l-Assistent Kummissarju Godfrey Scicluna ma jghid bl-ebda mod kif wasal ghall-konkluzjoni illi wahda mill-vucijiet li sema' kienet tal-appellant iktar u iktar meta hu stess fix-xhieda tieghu jghid illi ma kienx hu li kien qed jisma' din il-konversazzjoni u kien biss minn informazzjoni li gabru n-nies addetti mieghu minn fejn irrizultalhom mill-investigazzjonijiet minnhom kondotti illi n-numru tat-telefon involut kien jappartjeni lill-akkuzat.

"Illi l-appellant jirrileva illi l-identifikazzjoni jew ir-rikonoxximent maghmul mix-xhud jibqa' dejjem suxxettibbli ghall-imperfezzjonijiet tal-osservazzjonijiet umani u ghall-possibbilitajiet kollha ta' zball genwin illi ifisser allura illi min hu imsejjah biex jiggudika irid japplika dik il-kawtela specjali qabel ma jasal ghal kundanna ibbazata fuq dik l-identifikazzjoni u dan specjalment jekk dawn ix-xhieda fil-kors tal-guri jikkonfermaw dik l-identifikazzjoni.

"Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost l-appellant jirrileva illi x-xhieda ta' PS276 Bernard Zahra u ta' l-Assistent Kummissarju Godfrey Scicluna illi ghalkemm huma xhieda kompetenti ix-xhieda moghtija minnhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni hija wahda inammissibli.

"Illi l-appellant se jittratta s-seba' u t-tmien eccezzjonijiet flimkien stante illi z-zewg eccezzjonijiet jittrattaw l-kwistjoni tad-dokumenti elevati mill-ufficcju tax-xena tar-reat u mmarkati bhala 04 DFH 12 u 04 MMX 625-201 (MUD) fir-

rapport taghhom. Illi fil-fatt l-appellant fis-seba' eccezzjoni talab l-isfilz tad-dokument 04 DFH 12 indikat bhala 'Tyre-mark cast elevat minn gol-hamrija quddiem il-vettura' li jinsab fir-relazzjoni tal-esperti PS 46 Charlo Casha, PS 171 Karl Glandville, PS 1147 Antoine Fenech u PC 465 Daniel Abela, stante illi ma giex indikat minn quddiem liema vettura dan il-cast gie elevat. Illi imbaghad fit-tmien eccezzjoni l-appellant talab l-isfilz tad-dokument 04 MMX 635-201 (MUD) stante illi ma jinghataw ebda dettalji dwar id-data, post u hin meta l-imsemmi kampjun ta' tajn gie elevat minn fuq il-vettura msemmija u ghaldaqstant m'hux eskluz il-possibilita` ta' kontaminazzjoni ta' evidenza.

"Illi minn ezami akkurat tar-rapport ta PS46 Charlo Casha, PS 171 Karl Glanville, PS 1147 Antoine Fenech u PC 465 Daniel Abela jidher illi id-Dokument 04 DFH 12 gie deskritt bhala 'Tyre mark Cast elevat minn gol-hamrija quddiem il-vettura' liema dokument gie elevat minn fuq ix-xena tad-delitt. Ghalhekk f'dan id-dokument ma hemmx indikat minn quddiem liema vettura gie elevat dan it-tyre mark cast u liema hi l-vettura u dan lanqas sahansitra jirrizulta mid-dokumenti illi jsegwu esebiti fl-istess rapport. Illi b'differenza ghal dan id-dokumenti fl-istess rapport jezistu dokumenti illi ghalkemm jaghmlu referenza ghal vetturi f'kull rapport hemm referenza ghal liema hi l-vettura in kwistjoni u ghalhekk kuntrarjament ghal Dok 04 DFH 12 illi ma jaghmilx referenza ghal liema hi l-vettura in kwistjoni u dan iwassal sabiex l-istess dokument huwa inammissibbli.

"Inoltre, jigi rilevat ukoll illi fir-rigward tad-Dokument O4MMX 625-201 (MUD) m'hemmx b'certezza indikat fejn fil-fatt lanqas biss hemm indikat id-dettalji dwar id-data, post u hin meta l-imsemmi kampjun ta' tajn gie elevat minn fuq il-vettura msemmija u ghaldaqstant m'hux eskluz il-possibilita` ta' kontaminazzjoni ta' evidenza. Illi dan ifisser illi peress illi fid-dokument imsemmi m'hemmx indikat b'certezza d-data, post u l-hin meta l-imsemmi kampjun ta' tajn gie elevat allura l-eccezzjoni maghmula mill-akkuzat dwar kontaminazzjoni ta' evidenza hija ben fondata u ghandha tigi milqugha wkoll."

**8.** L-ewwel aggravju jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni. B'referenza għat-talba għall-isfilz ta' kwalunkwe prova naxxenti mill-indaġini ta' l-Ispettur John C. Ellul jirriżulta l-ewwelnett illi b'rikors tat-2 ta' Marzu 2005, il-Kummissarju tal-Pulizija talab in-nomina ta' Dr Matthew Higgins tal-Forensic Alliance Ltd fir-Renju Unit sabiex jagħmel eżamijiet komparattivi bejn it-tajn li ġie elevat minn fuq ix-xena tad-delitt, minn fuq il-vettura li nstab fiha l-vittma, kif ukoll mill-vettura indizzjata fl-investigazzjoni u li tappartjeni lill-appellant, u talab ukoll li "jiġi appuntat espert ieħor sabiex jirtira dawn il-kampjuni u jwassalhom personalment għand l-espert fl-esteru." Il-Maġistrat Inkwirenti, b'digriet tas-7 ta' Marzu 2005, laqa' t-talba u ħatar lill-Ispettur John C. Ellul "biex jieħu ħsieb il-kampjuni in transitu".[2]

[2] Atti tal-kumpilazzjoni fol. 398 - 399.

**9.** Fis-seduta tat-3 ta' Awwissu 2005 quddiem il-Qorti Istruttorja, l-Ispettur Ellul xehed, ikkonferma n-nomina tiegħu u qal li kien ikkomunika ma' Matthew Higgins li nfurmah li kien ta' l-opinjoni li jkun aħjar jiġi Malta sabiex jieħu xi kampjuni oħra u jeżamina l-vetturi in kwistjoni.[3] Fl-istess seduta tqajmet oġġezzjoni mid-difiża għall-ħatra ta' l-Ispettur Ellul, il-Qorti Istruttorja ssospendiet l-inkarigu tiegħu u pprojbietu milli jagħmel kwalsiasi komunikazzjoni ulterjuri ma' l-esperti barranin dwar xi analiżi li jistgħu jsiru in konnessjoni ma' dan il-każ.[4]

**10.** Sussegwentement, fl-14 ta' April 2008, il-Qorti Istruttorja ordnat lill-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jaghmel il-verifiki neċessarji ma' laboratorju barra minn Malta biex jinforma lil Qorti min hu l-espert ideali sabiex isir eżami komparattiv in konnessjoni ma' tajn.[5] B'digriet tal-15 ta' Jannar 2009 il-Qorti Istruttorja ordnat li t-testijiet u eżami komparattiv għandhom isiru fil-laboratorju fl-Ingilterra minn Dr Matthew Higgins u nnominat lill-Ispiżjar Mario Mifsud "ai fini ta' *chain of causations* [*recte: custody*] sabiex jirtira mill-proċeduri personalment kampjuni mill-proċeduri u jitla' bihom l-Ingilterra u jassisti lil Dottor Matthew Higgins u jkun hu stess li jirritorna lura Malta bl-istess kampjuni".[6]

**11.** Għalhekk mill-proċess tirriżulta n-nomina ta' l-Ispettur John C. Ellul, jirriżulta li hu qatt ma espleta l-inkarigu tiegħu (li kien limitat sabiex "jieħu ħsieb il-kampjuni in transitu") u jirriżulta li hu qatt ma għamel ebda indaġini. Kwindi, m'hemm xejn x'jiġi sfilzat. Fiċ-ċirkostanzi li rriżultaw, għalhekk, tenut kont tal-fatt li x-xhud John Ellul qatt ma espleta xi inkarigu peritali, il-kwistjoni ta' għandux jixhed jew le John Ellul tirrisolvi ruħha, kif irriteniet l-ewwel Qorti, fi kwistjoni ta' relevanza u mhux ta' ammissibilita` ta' prova. Tajjeb hawn li jitfakkru l-prinċipji enunċjati fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 1990 minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Edwin Cioffi**:

> **"(a) In generali inghad illi l-kuncett ta' ammissibilita` riferibbilment ghall-mezz ta' prova ghall-finijiet tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali proprjament jitqies bhala riferibbli ghal *'le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio'* (Koll. Vol. XIX. IV.9) jew ghal *'le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso'* (Koll.Vol. XXVII.IV.595), bhala distint mis-semplici rilevanza 'ut sic'. Din id-distinzjoni giet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal-4 ta'**

[3] *Ibidem* fol. 41 – 42.
[4] *Ibidem* fol. 13 – 14.
[5] *Ibidem* fol. 899.
[6] *Ibidem* fol. 985.

**Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien inghad:**

***"'Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilita` o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e` veramente una di ammissibilita` del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione` ' propriamente quella di rilevanza della prova.....'***

**"(b) Din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 1977 in re IR-REPUBBLIKA TA' MALTA - VS - CECIL PACE U HENRY ALBERT PACE a propozitu ta' din id-distinzjoni osservat:**

***"'Kif inghad ukoll minn din il-Qorti f'Repubblika vs Joseph Gauci, supra, din tidher distinzjoni tradizzjonali fis-sistema probatorju taghna u f'dan id-dawl forsi jista' jkun ukoll xi ftit sinjifikanti li l-kelma 'relevancy' hi kontrapposta ghall-'admissibility' anke fl-artikolu 610(4) tal-Kodici ta' Procedura Civili. Fil-fatt fid-decizjonijiet pubblikati d-distinzjoni tirrizulta essenzjalment marbuta mad-divizjoni tal-kompetenza bejn il-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta (kif kienet sal-1967 ghall-finijiet tal-eccezzjoni dwar l-ammissibilita` tal-provi) u l-Imhallef tal-meritu; illum il-posizzjoni hi li l-Imhallef tal-meritu jiddeciedi hu ukoll din l-eccezzjoni salv l-appell lil din il-Qorti izda peraltro jidher li l-posizzjoni baqghet sostanzjalment l-istess.* L-istess Qorti ziedet tghid: *'...proprjament il-kwistjoni issa tirrisolvi ruhha f'wahda ta' appellabilita` o meno. Infatti fis-sentenzi anterjuri li ghalihom gia saret riferenza kien intqal li kwistjoni simili hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu (Koll.Vol.XXVII.IV.597) u li 'la decisione sulla rilevanza o meno appartiene esclusivamente a tale Corte' billi l-Qorti Kolleggjali 'e` chiamata a decidere soltanto della ammissibilita` o meno (fis-sens propriu gia fuq imsemmi) di prove, ma non della loro rilevanza' (Koll Vol. XXI.IV.15, a pag.16).'***

**"c) Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet ziedet illi:**

**"'*Tassew li xi drabi jista' jaghti l-kaz li l-kwistjoni ta' rilevanza tmur aktar il-boghod u tipprezenta ruhha marbuta ma' dik tal-ammissibilita` fis-sens proprju hawn fuq imsemmi in kwantu li per ezempju tincidi fuq principji ohra, bhallikieku fil-kaz ta' xhieda tendenti li jippruvaw il-kummissjoni da parti tal-akkuzat ta' atti kriminali (jew komunkwe 'wrongful') differenti minn dawk koperti mill-att ta' akkuza (ara sentenzi ta' din il-Qorti Regina vs Paul Azzopardi, supra, u Repubblika vs Carmel Mangion et, 11 ta' Dicembru, 1975)'* izda spjegat illi meta pero` si tratta ta' kwistjoni ta' mera rilevanza 'ut sic', din hija tradizzjonalment imhollija ghall-apprezzament tal-Imhallef tal-meritu fil-kompetenza tieghu.**

**"(d) Hija skorretta ukoll is-sottomissjoni li l-Avukat Generali rega' tenna f'dan l-appell u cioe` illi l-fatt illi qabel ma jwiegeb ghall-mistoqsija jekk**

**ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra l-ammissibilita` tal-provi dikjarati mill-akkuzat jista' jitlob li dan jiddikjara l-oggett tal-prova u vice versa huwa intiz sabiex il-Qorti, skond jekk tkunx jew le soddisfatta mir-rilevanza tal-prova rikjesta mix-xhieda dikjarati, tkun tista' tiddeciedi liema minn dawn ix-xhieda huma ammissibbli u liema mhumiex. Din il-Qorti fis-sentenza taghha citata in re PACE, *supra*, spjegat kif din is-sottomissjoni, 'ghalkemm ingenjuza, mhijiex korretta' u li l-fatt li d-domanda dwar l-oggett tal-prova issir fl-istadju li ssir ma jbiddilx dak li gja` inghad dwar id-differenza bejn il-kuncett ta' ammissibilita` u dak ta' rilevanza u li kwistjoni ta' mera rilevanza ta' provi hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu salv li, f'kaz partikolari u in vista ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti tara, nonostanti t-termini uzati, jekk il-kwistjoni kinitx verament wahda ta' mera rilevanza fis-sens li inghad jew inkella le. Il-konsegwenza legali tkun li jekk si tratta ta' decizjoni merament fuq rilevanza ma hemmx appell mentri jekk si tratta ta' decizjoni fuq ammissibilita` ta' prova din tkun appellabbli quddiem din il-Qorti.**

**"(e) Kif gie diversi drabi deciz, anki fis-sentenza appena citata, id-decizjoni dwar ir-rilevanza il-Qorti Kriminali ma tohodhiex u m'ghandiex tohodha in forza tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali izda bis-sahha tal-artikolu 520(2) tal-istess Kodici li jimponi fuq il-Qorti id-dover li 'inter alia' ma thallix li jsir fil-provi dak li 'ma jkunx rilevanti jew ma jkollux x'jaqsam max-xorta tal-kawza'.**

**"(f) Jigifieri qed jigi ribadit li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta' l-istess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tas-smiegh tal-provi, l-istess m'ghandhiex tigi preventivament u prijoristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghal 'facts in issue'. Dana, din il-Qorti hasset il-bzonn li tirribadih peress li, kif inghad, spiss qed jigri li flok ma l-kuncetti ta' ammissibilita` u ta' rilevanza jinzammu distinti dak tar-rilevanza qed jigi ekwiparat ghal dak ta' ammissibilita` u provi qed jigu eskluzi bhala irrilevanti qabel ma biss ikunu instemghu u qabel ma l-istess Qorti ta' meritu tkun verament fil-posizzjoni li tivvaluta sewwa x'ikunu l-'facts in issue'. Dan hu ezattament dak li gara fis-sentenza appellata billi l-ewwel Onorabbili Qorti halltet flimkien iz-zewg kuncetti indiskriminatament b'mod li ddecidiet l-ammissibilita` fuq kriterji legali zbaljati."**

**12.** L-appellant lanqas ma jista' jirnexxi fl-ilment tiegħu dwar il-parti l-oħra ta' l-ewwel eċċezzjoni rigward l-elevazzjoni ta' samples ta' tajn, mingħajr proċess-verbal u mingħajr aċċess u mhux fil-presenza tal-persuni li l-pulizija kienet qed tissuspetta f'dan ir-reat. L-esperti ġew debitament nominati mill-Maġistrat Inkwirenti b'digriet tat-3 ta' Diċembru 2004.[7] L-esperti tax-xena tar-reat (*scene-of-crime officers*) wettqu l-inkarigu tagħhom skont dik in-nomina. Għalhekk

[7] *Ibidem* fol. 66.

huma elevaw u ppreservaw kull evidenza forensika, u hejjew ir-relazzjoni taghhom (Dok. XF a fol. 663) fejn spjegaw b'mod dettaljat ix-xogħol li kienu għamlu sabiex jiġi preservat iċ-*chain of evidence*.

**13.** L-appellant jilmenta, pero`, li dan ix-xogħol ma sarx fil-presenza ta' min kien suspettat. L-ewwelnett jingħad illi fi stadju ta' investigazzjoni ta' delitt, mhux dejjem ikun hemm mill-ewwel persuna suspettata. Fi kwalunkwe każ, il-preservazzjoni ta' provi trid issir *without delay*. Imbagħad f'dan il-każ, ix-xogħol sar fil-kuntest ta' inkjesta maġisterjali. Tista' hawn issir referenza għal dak li ntqal fl-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Ignatius Fenech** mogħtija fil-21 ta' Mejju 2008:

> "Issa, il-periti jigu maghzulin mill-Qorti jew mill-Magistrat Inkwirenti f'dawk il-kazijiet li fihom ikun jehtieg hila jew sengha specjali. Huma maghzulin minn fost nies li l-Qorti jew il-Magistrat Inkwirenti jidhrilhom li ghandhom il-kompetenza necessarja fil-qasam li fih tkun mehtiega dik il-hila jew sengha specjali. Certu xoghol irid isir f'laboratorji attrezzati biex isiru l-esperimenti u l-analizi li jkun hemm bzonn. Ghalhekk persuna suspettata jew imputata jew akkuzata ma tistax tippretendi li tkun prezenti waqt li qeghdin isiru tali esperimenti jew analizi li normalment jirrikjedu hinijiet twal ta' xoghol u koncentrazzjoni u anke ta' stennija.
>
> "Imbaghad id-dritt ta' persuna imputata jew akkuzata li tkun prezenti ghall-proceduri kriminali tfisser precizament hekk, il-prezenza taghha waqt il-proceduri kriminali fejn ikollha dritt tikkontrolla kemm lix-xhieda kif ukoll il-periti. L-artikolu 653(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jipprovdi li: **'Il-periti, meta jispiccaw ix-xoghol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengha taghhom, ghandhom jaghmlu bil-fomm jew bil-miktub ir-rapport taghhom, skond id-direzzjonijiet tal-Qorti.'** Inoltre s-subartikolu (2) jipprovdi li: **'Ir-rapport ghandu f'kull kaz isemmi l-fatti u c-cirkostanzi li fuqhom il-periti jkunu ibbazaw il-fehma taghhom.'** Barra minn hekk l-artikolu 655 jghid: **'Kull wahda mill-partijiet, il-qorti, u, fil-kazijiet ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, kull wiehed mill-gurati, jistghu jitolbu mill-periti tifsir ahjar fuq ir-rapport taghhom, kif ukoll fuq dak li jidhrilhom li jista' jaghmel aktar cara l-fehma tal-periti.'** B'dan il-mod l-imputat jew l-akkuzat ghandu l-mod kif jista' jikkontrolla x-xoghol li jkun sar mill-periti. Izda l-ligi tmur oltre u tissalvagwardja lill-imputat jew l-akkuzat billi tipprovdi fl-artikolu 656: **'Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu.'**

**14.** Għalkemm ma tqajmitx kwistjoni dwar l-imparzjalita` o meno tas-*scene-of-crime officers*, tajjeb li ssir referenza wkoll għad-deċiżjoni parzjali mogħtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni fl-ismijiet **Nazzareno Zarb v. Malta** fejn intqal:

**"Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above).**

**"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."**

**15.** Imbagħad xogħol is-s*cene-of-crime officers* kien sabiex jippreservaw l-evidenza permezz ta' ritratti, elevar ta' oġġetti u kampjuni u preservar ta' l-istess u mhux biex janaliżżawhom. Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, l-appellant ma jistax jirnexxi fl-ilmenti tiegħu.

**16.** Konsegwentement l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

**17.** <u>It-tieni aggravju</u> jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni fejn l-appellant jippretendi l-isfilz tal-vettura MMX-625. Mir-relazzjoni tas-*scene-of-crime officers* u mix-xiehda ta' l-Ispettur Christopher Pullicino[8] jirriżulta li din il-vettura ġiet elevata taħt l-awtorita` tal-Maġistrat Inkwirenti. Barra minn hekk mid-deskrizzjoni li jagħtu s-*scene-of-crime officers* fir-relazzjoni tagħhom kif anke rapportat *in parte* fis-sentenza appellata, hu evidenti li ttieħdu l-prekawzjonijiet sabiex jinżamm iċ-*chain of evidence*. Bħalma għamlet l-ewwel Qorti, qed issir referenza wkoll għall-artikolu 357 tal-Kodiċi Kriminali dwar id-doveri tal-Pulizija Eżekuttiva meta tikxef dokumenti. Kwantu għall-ilment ta' l-appellant li ma kinux preżenti la l-awtorita` ġudizzjarja u lanqas il-persuna suspettata, issir referenza għal dak li ntqal dwar l-ewwel eċċezzjoni.

**18.** Konsegwentement anke t-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud.

---

[8] *Ibidem* fol. 22.

**19.** B'referenza għat-tielet aggravju li jirrigwarda t-tielet eċċezzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal mill-ewwel Qorti u tgħid li taqbel kompletament ma' dak li ntqal minnha. Anthony Pace xehed fl-inkjesta[9]. Fis-16 ta' Lulju 2009, meta ġie mħarrek biex jixhed waqt il-kumpilazzjoni, pero`, huwa deher, iddikjara li jiġi missier l-imputat u talab li jiġi eżentat milli jixhed. Il-Qorti Istruttorja laqgħet it-talba u eżentatu milli jixhed.[10] Kif anke jaċċetta l-appellant, Anthony Pace huwa xhud kompetenti. Dan ifisser illi jista' jitħarrek biex jixhed waqt il-ġuri u f'dak l-istadju jista' mill-ġdid jitlob li jiġi eżentat milli jixhed, fejn allura l-Qorti Kriminali tista' fid-diskrezzjoni tagħha, teżentah milli jixhed. F'tali eventwalita` ma jkunx jista' jiġi mitlub jikkonferma o meno dak li xehed fl-inkjesta. Għalhekk it-tielet aggravju huwa miċħud.

**20.** Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet fejn l-appellant isostni li x-xiehda mogħtija minn P.S. 276 Bernard Zahra u mill-Assistent Kummissarju Godfrey Scicluna hi inammissibbli. Hawn ukoll din il-Qorti se tgħid mill-ewwel li taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti. M'hemm xejn fil-liġi li tirrendi x-xiehda tagħhom inammissibbli. Fil-fatt, bħalma qalet l-ewwel Qorti, jekk il-prova tat-*tapes* hijiex b'saħħitha biżżejjed sabiex tistabilixxi ness bejnhom u l-appellant "hija kwistjoni ta' fatt li għandha tiġi rimessa għal ġudizzju ta' l-imħallfin tal-fatt u dan dejjem wara li l-Qorti tagħtihom id-debiti kawteli dwar kif isir l-apprezzament tal-provi skont il-liġi". Konsegwentement m'hemmx lok għall-isfilz tax-xiehda tagħhom u għalhekk ir-raba' aggravju huwa wkoll miċħud.

**21.** Il-ħames aggravju jirrigwarda s-seba' u t-tmin eċċezzjonijiet. Fir-rigward tas-seba' eċċezzjoni, din il-Qorti eżaminat ir-relazzjoni tas-s*cene-of-crime officers* u, filwaqt illi huwa minnu illi f'paġna 12 ta' din ir-relazzjoni d-Dok. 04DFH12 huwa deskritt bħala "Tyre mark cast elevat minn ġol-ħamrija quddiem il-vettura", l-istess relazzjoni f'paġna 5 ma tħalli l-ebda dubju dwar liem'hi din il-vettura għax hemm insibu din il-kostatazzjoni: "madwar 20 pied fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura Hyundai Accent bin-numru tar-reġistrazzjoni EAK 329 ma' l-art kien hemm marki ta' *tyre* li ġie nnumerat 12". Dan minbarra l-fatt illi d-dokumenti l-oħra kollha minn 04DFH09 sa 04DFH21 jitkellmu dwar vettura Hyundai Accent.

**22.** Kwantu għat-tmin eċċezzjoni hawn ukoll l-appellant ma jistax jirnexxi. Mir-relazzjoni tas-s*cene-of-crime officers* jirriżulta li huma aċċedew fit-triq fejn instabet il-vettura MMX-625 għall-ħabta ta' 16:45 hrs fit-8 ta' Diċembru

[9] *Ibidem* fol. 77 – 79, 99.
[10] *Ibidem* fol. 1029.

2004.[11] Hemm rapportati il-konstatazzjonijiet li għamlu fuq il-post, kif il-vettura tgħabbiet fuq *low-loader* u ġiet eskortata sal-garaxx tal-Laboratorju Forensiku biex aktar tard isir ix-xogħol kollu neċessarju fuqha. Dan ix-xogħol jirriżulta li sar fit-8 u fid-9 ta' Diċembru 2004. Fost ir-ritratti li ttieħdu ġewwa l-imsemmi garaxx fit-8 ta' Diċembru 2004 hemm wieħed minnhom (04DFH G 58) li huwa proprju ritratt li juri minn fejn ġie elevat id-dokument 04 MMX 625 – 201 (MUD). Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant fir-rigward tas-seba' u t-tmin eċċezzjonijiet lanqas ma jimmerita akkoljiment.

**23.** Konsegwentement anke l-ħames aggravju hu miċħud.

**24.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkużat Mark sive Marco Pace.

[11] Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax *lapsus computeri* fejn f'paragrafu 7.1 id-data hi indikata bħala 8 ta' Diċembru 2006 minflok 2004. L-iżball fis-sena hu ripetut fuq il-kopertina u f'paġni 28 u 31.